**15 ta' Jannar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Roger Sullivan *noe*

*versus*

Il-Kontrollur tad-Dwana

**Konvenut li jokkupa Kariga Pubblika – Ħtieġa ta' Ittra Uffiċjali jew Protest qabel iċ-Ċitazzjoni – Nullità**

*M'hemm l-ebda dubju li l-konvenut qiegħed jiġi mħarrek bħala persuna li qiegħda tokkupa kariga pubblika u mhux personalment;*

*għalhekk, skond il-liġi, l-attur seta' jippreżenta ċitazzjoni kontra tiegħu wara li jkunu għaddew għaxart ijiem min-notifika lilu ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni ta' l-attur tkun imfissra b'mod ċar.*

*Fil-fehma tal-Qorti xejn ma jiswa li r-Reġistratur ippermetta l-preżentata ta' l-istess ċitazzjoni għaliex in-nullità imposta mil-liġi ma tista' bl-ebda mod tiġi sanata.*

*Dan apparti l-konsiderazzjoni li tkun ħaġa għal kollox assurda kieku wieħed ikun jista'jieħu vantaġġ min-nuqqas tar-Reġistratur li, skond il-liġi, għandu l-obbligu li jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju li ma jkunx ippreċedut bl-ittra uffiċjali jew protest skond ma jippreskrivi l-artikolu 460 tal-Kap. 12.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha, wara li ppremetta li s-soċjetà attriċi hi proprjetarja ta' diversi *containers*, li fihom hemm merkanzija, ossija prodotti ta' l-ikel, li l-istess soċjetà qed timporta għal skopijiet kummerċjali tagħha, liema *conatiners* preżentament jinsabu maqbudin mill-konvenut a bażi ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju li jġib in-numru 1611/92S F u dan kif jirriżulta mill-atti ta' l-istess mandat, u kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Li l-konvenut baqa' jinsisti għall-esekuzzjoni ta' dan l-istess imsemmi mandat maħruġ kontra soċjetà terza meta jaf, jew messu kien jaf, u ġie informat, li dawn l-istess *containers* bil-kontenut tagħhom huma proprjetà tas-soċjetà attriċi;

Li r-rifjut da parti tal-konvenut li jirrilaxxa dawn l-istess *containers* u/jew li talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid fuqhom meta l-istess *containers* m'humiex proprjetà tas-soċjetà intimata fl-istess

mandat, hu aġir abbusiv u illegali li rreka u qed jirreka danni kbar lill-attur *noe* li għalihom hu responsabbli l-istess konvenut;

*Omissis;*

Talab li l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-*containers* hawn fuq imsemmija huma proprjetà tas-soċjetà attriċi;

2. Tiddeċidi illi l-Mandat ta' Qbid hawn fuq imsemmi hu null u bla effett fil-liġi fil-konfront ta' l-attur *noe;*

3. Tordnalu li jirrilaxxa immedjatament l-istess *containers* lill-attur *noe* sabiex dan ikun jista' jirtirahom liberament skond il-liġi;

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur *noe* minħabba fl-aġir tal-konvenut hawn fuq imsemmi, u din anke permezz ta' periti nominandi;

5. Tikkundannah iħallas lill-attur *noe* dawk id-danni kollha li jiġu hekk illikwidati minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa: 1. Preliminarjament, in-nullità taċ-ċitazzjoni a bażi

ta' l-artikolu 460 *stante* li l-istess atturi *nomine* qatt ma intimaw lill-eċċipjenti bi protest jew b'ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 1992 fejn jirriżulta li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

In-nullità eċċepita mill-konvenut hija dik ikkontemplata bl-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie fil-forma attwali tiegħu bl-emendi li ġew introdotti bl-Att VIII ta' l-1981 dwar proċedimenti kontra l-Gvern li ssostitwew l-Avviż Legali numru 148 ta' l-1975;

Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni b'żewġ sentenzi tagħha (P.A. Carmelo Gauci *vs* A/Reġistratur tal-Qorti *et* 1 ta' Frar, 1990; Avukat Dottor Louis Vella *et vs* Ronald Grech *et*, 22 ta' Ġunju, 1993) tippronunċja ruħha fis-sens li kull att ġudizzjarju li jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet tal-preċitat artikolu huwa irritu u null. Hekk ukoll iddeċidiet

l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1987 fil-kawża Salvatore Bezzina *et noe vs* Direttur tal-Portijiet iċċitata mill-konvenut;

M'hemm l-ebda dubju li l-konvenut qiegħed jiġi mħarrek bħala persuna li qiegħda tokkupa kariga pubblika u mhux personalment; għalhekk, skond il-liġi, l-attur seta' jippreżenta ċitazzjoni kontra tiegħu wara li jkunu għaddew għaxart ijiem min-notifika lilu ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni ta' l-attur tkun imfissra b'mod ċar;

Lanqas biss ma huwa jiġi allegat mill-attur li huwa ppreżenta xi att ġudizzjarju ta' din ix-xorta, kif lanqas ma jista' jingħad li l-każ in diżamina huwa xi wieħed mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati fis-subartikolu 2 ta' l-istess artikolu ppreċitat;

Għalhekk, huwa ċar li kien jinkombi fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li ma jaċċettax li tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni odjerna kontra d-dispositiv espliċitu tal-liġi;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, xejn ma jiswa li r-Reġistratur ippermetta l-preżentata ta' l-istess ċitazzjoni għaliex in-nullità imposta mil-liġi (u d-diċitura ta' l-artikolu ppreċitat ma tħalli l-ebda dubju fuq daqshekk) ma tista' bl-ebda mod tiġi sanata. Dan apparti l-konsiderazzjoni li tkun ħaġa għal kollox assurda kieku wieħed ikun jista' jieħu vantaġġ min-nuqqas tar-Reġistratur li, skond il-liġi, għandu l-obbligu li jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju li ma jkunx ippreċedut bl-ittra uffiċjali jew protest skond ma jippreskrivi l-istess artikolu 460 tal-Kap. 12;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut Kontrollur tad-Dwana, tiddikjara l-att taċ-ċitazzjoni bħala wieħed irritu u null għal kull fini u effett tal-liġi;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur;

Il-Qorti tordna komunika b'kopja ta' din is-sentenza lill-Aġent Reġistratur tal-Qorti sabiex fil-futur iħares l-osservanza tal-liġi.